MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru 126/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs.**

**FRANCIS XAVIER CURMI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Xavier Curmi ta’ 44 sena, bin Saviour u Josephine nee’ Spiteri, imwieled Valletta fit-28 ta’ Dicembru 1965, u li joqghod f’7 Flat 8, Blokk 3, Misrah Mattia Preti, Valletta. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 10066M.

Billi huwa akkuzat:

1. Talli matul is-sena 2007, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Salvu Agius (K.I. nru. 312449M), Emanuel Giordmaina (K.I. nru. 351754M), Domenico Giordmaina (K.I. nru. 54550M) u Giovanni Giordmaina (K.I. nru. 1081847M);
2. Talli matul is-sena 2007, f'dawn il-Gzejjer, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tlettt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Salvu Agius (K.I. nru. 312449M), Emanuel Giordmaina (K.I. nru. 351754M), Domenico Giordmaina (K.I. nru. 54550M) u Giovanni Giordmaina (K.I. nru. 1081847M).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Malcolm Mifsud ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li diga' jezisti ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn l-imputat u l-parte civile.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 308, 309, 293 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Francis Xavier Curmi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Malcolm Mifsud ghall-imputat iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li jaqblu li diga’ jezisti ftehim ta’ kostituzzjoni ta’ debitu bejn l-imputat u l-parte civile u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Francis Xavier Curmi ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Francis Xavier Curmi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Xavier Curmi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------